# Un Saluto a Malta (Sinfonia) – Mro. Willie Attard

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Dan l-artiklu qed jidher fl-okkażjoni ta' għeluq il-45 anniversarju mill-mewt ta' Mro. Willie Attard (1899-1970) li, fil-karriera twila tiegħu bħala mużiċist ta' ħila, għalliem metodiku, u surmast-direttur mill-aqwa fix-xena bandistika ta' pajjiżna, ħallielna wkoll għadd imdaqqas ta' xogħlijiet immortali fosthom, erba' Innijiet *di Gloria* fil-forma ta' Kantata u innijiet oħra fil-forma ta' marċ, marċi sinfoniċi, brijużi u funebri, kif ukoll arranġamenti ta' mużika operistika u oħra għall-banda. Fost dawn ix-xogħlijiet mill-pinna tiegħu nsibu s-*sinfonia Un Saluto a Malta* li ġġib id-data tat-30 ta' Novembru 1933. Niżżi ħajr b'mod speċjali lis-Sur Joe Cauchi, segretarju ġenerali tas-Società Filarmonica 'La Vittoria' A.D. 1907 tal-Mellieħa talli għoġbu jislifni kopja tal-partitura biex stajt ninseġ dan l-artiklu.

Kliem muftieħ: Un Saluto a Malta, Mro. Willie Attard, Sinfonia, Overtura, Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun, Società Filarmonica 'La Vittoria' Mellieħa.




**DAĦLA**: Mhux magħruf x'kienet l-okkażjoni li setgħet wasslet lil Mro. Willie Attard biex jikteb din l-overtura (*sinfonia*). Għal surmast li kien għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu aktar bħala kompożitur milli surmast-direttur, ipoġġi 'l dan ix-xogħol f'perspettiva storikament interessanti. Il-moventi li mbuttawh biex jikteb dan ix-xogħol setgħu kienu diversi: (a) nafu li kien għadu kif rebaħ sentejn fuq xulxin il-gara mużikali internazzjonali f'Napli bil-*Marcia Fantastica* (1928) u *Cuor d'Artista – Fantasia Melodica* (1929); (b) kien għadu kemm laħaq surmast-direttur ta' żewġ baned kbar bi storja twila – dik ta' 'San Ġużepp' tal-Ħamrun fl-1928 u l-oħra 'La Vittoria' tal-Mellieħa fl-1932; (ċ) fl-ewwel nofs tat-30ijiet tas-seklu l-ieħor il-Banda Ġużeppina Ħamruniża kienet telgħet tliet darbiet Sqallija f'okkażjonijiet differenti biex tesegwixxi programmi fosthom, wieħed fi *Piazza Elefante* (Catania), ieħor f'*Villa Bellini* (Catania), u ieħor f'*Giardino di Acireale* fil-festa ta' Sta. Venera. Skont Joseph Mifsud Matrenza, l-istorjografu tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża, wara l-mawra f'*Acireale* fl-1933 il-Kumitat ta' dak iż-żmien kien iddeċieda li 'qabel ma tiċċara sew il-qagħda fil-Mediterran, il-Banda ma' toħroġx mill-Gżejjer Maltin' peress li Mussolini kien ħolom li joħloq Imperu Taljan; (d) kienet epoka fejn il-kompożituri maltin kienu jagħtu isem bit-Taljan lix-xogħlijiet tagħhom, ħafna minnhom b'konnotazzjoni patrijottika; (e) bħala bandist ta' ħila mal-Banda 'La Valette' taħt Mro. Cardenio Botti, u bħala assistent-surmast mal-Banda tal-Ħamrun taħt Mro. Antonio Miruzzi, bilfors li dawn ħallew xi forma ta' impressjoni fuqu; (f) xiħaġa oħra li aħna ma nafux biha.



(Fir-ritratt jidher Mro. Willie Attard lejn l-aħħar tal-20ijiet tas-seklu l-ieħor. Huwa jidher liebes l-uniformi l-bajda li kienet tintlibes mill-bandisti tal-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun.)

**Xi tkun *sinfonia*?** Din hija kelma oħra għal 'overtura', dik li bl-Ingliż insejħulha *overture*, jiġifieri biċċa mużika miktuba biex tindaqq qabel ma tibda xi opra, ballett, oratorju, jew xi esekuzzjoni

vokali oħra kbira. L-overtura Taljana kienu jsibuha b'dan l-isem għax il-kelma fiha nnifisha tfisser 'daqq fl-assjem'. Kien Alessandro Scarlatti, kompożitur ċelebri Taljan tas-seklu 17, li beda jħaddimha għall-ewwel darba fl-opri tiegħu. Is-*sinfonia* kienet tikkonsisti f'biċċa mużika fi tliet taqsimiet u b'tempijiet differenti biex jikkuntrastaw. Illum-il ġurnata, b'overtura nifhmu wkoll dik l-introduzzjoni orkestrali ta' ftit minuti qabel xi operetta, jonkella kummiedja jew film mużikali li fiha jindaqqu truf mit-temi ewlenin. Dan jgħin biex l-ispettatur jidħol aktar malajr fl-atmosfera tal-ispettaklu.

Hemm imbagħad, il-*concert overture* li hija forma oħra ta' overtura li rat il-bidu tagħha fis-seklu 19 minn kompożituri Romantiċi. Dan it-tip ta' xogħol huwa wieħed indipendenti u bl-ebda mod mgħandu xi forma ta' konnessjoni mal-opra. Ġeneralment, ikun f'moviment wieħed ta' mużika programmatika u aktarx jieħu l-forma Sonata. Fost xogħlijiet ewlenin ta' dan it-tip insibu *The Hebrides* jew *Fingal's Cave* ta' Mendelssohn, *Carnival Overture* ta' Dvořák, *1812* u *Romeo and Juliet* it-tnejn xogħol ta' Tchaikovsky, u *Cockaigne* tal-kompożitur Ingliż, Elgar.

Minn dan kollu naraw li, il-kelma *sinfonia* mgħandha qatt tiġi tradotta għall-Malti bħala 'sinfonija' kemm-il darba qed nirreferu għal xi overtura. Dan għaliex, il-kelma 'sinfonija' saret tfisser xogħol orkestrali fuq skala ferm akbar maqsum f'erba' movimenti, liema forma kienet ġiet stabbilita minn kompożituri Klassiċi bħalma huma Haydn u Mozart.

**PARTITURA**: Il-kopja oriġinali, li b'kollox fiha 36 paġna, tinsab miżmuma fl-arkivju tas-Società Filarmonica 'La Vittoria' A.D. 1907 tal-Mellieħa. Fil-paġna ta' quddiem insibu imniżżel biss dan li ġej: *Sinfonia Un Saluto a Malta di Willie Attard*. Fil-paġna ta' waranett imbagħad, insibu d-data ta' meta nkitbet, jiġifieri fit-**30 ta' Novembru tal-1933**. Taħt id-data hemm imniżżel ukoll: *composizione di W. Attard*. Għas-surmast Willie Attard dan kien żmien tajjeb ħafna tas-sena li fih seta' jikkomponi fil-kwiet ta' daru wara li jkunu għaddew il-festa tas-sajf kollha nkluż dik ta' San Gejtanu f'Awwissu u tal-Vittorja fil-bidu ta' Settembru.

**STRUMENTAZZJONI**: It-tabella ta' hawn turi n-nomenklatura ta' strumenti li jiena ġbart minn għejun differenti kif ġej: (a) kif jidhru fil-partitura (immarkati bl-isfar); (b) li kienu jinsabu biss fl-arkivju Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' Ħamrun A.D. 1889 (immarkati bl-oranġjo); (ċ) li kienu jinsabu biss fl-arkivju Società Filarmonica 'La Vittoria' Mellieħa A.D. 1907 (immarkati bl-ikħal). Minn din it-tabella wieħed jista' josserva ħafna affarijiet u jiġbed ħafna konklużjonijiet, imma l-aktar importanti hawnhekk hu li, issa għandna f'idejna partitura sħiħa (*full score*) u sett komplut ta' partijiet ta' kif kitibhom is-Surmast Willie Attard. B'hekk, iż-żewġ soċjetajiet mużikali hawn fuq imsemmija issa jistgħu jgawdu mill-esekuzzjoni ta' dan ix-xogħol impenjattiv kif tabilħaqq riedu jinstema' l-kompożitur. Irrid infakkar li, Mro. Willie Attard kien iħabbat maż-żewġ baned, ma' dik tal-Ħamrun bejn l-1928 u 1957, u ma' dik tal-Mellieħa f'żewġ perjodi differenti, bejn l-1932 u 1948, u bejn l-1952 u 1957.




Meta ġejt biex infassal din it-tabella imxejt bl-istess ordni ta' kif inhuma mniżżlin fil-partitura, u fejn ma kienx hemm xi strument partikolari, poġġejtu fejn joqgħod l-aktar skont familtu. Qed

nirrefferi għal *Piccolo in Lab*, jew kif inhu forsi magħruf aħjar, *Terzino*, strumentin li għandu mill-ħoss ta' ottavin, il-*Flauto 2*$^{do.}$ *in Do* (flawt sekond), l-*Alto Clarino I*$^{mo.}$ (klarinett kuntralt), u l-*Contrabasso* (kuntrabaxx), strument tal-korda li normalment ma tarahx idoqq mal-banda jekk mhux f'xi kunċert sinfoniku. Ħaġ' oħra hija li, kif għal ċertu strumenti teżisti parti mingħajr ma jidhru fil-partitura, hekk ukoll hemm oħrajn li tniżżlu fuq l-istess pentagramma anki jekk fit-tabella tniżżlu b'mod separat. Strumenti oħra, bħall fil-każ tal-obwe sekond u l-ewfonju sekond, huma mniżżlin biss fil-partitura mingħajr ma teżisti parti għalihom, jew għax ma ħarġitx jonkella sempliċiment għax intilfet.

Hemm imbagħad, strumenti oħra li llum-il ġurnata mhux soltu narawhom regolarment idoqqu mal-banda, bħal mhu l-obwe u l-kuntrabaxx. Oħrajn, jaqgħu taħt il-lista ta' strumenti li, jew waslu biex jinqatgħu, jew li m'għadhomx litteralment jintużaw aktar fosthom, l-ottavin in *Lab*, klarinett kuntralt, Tromba baxxa in *Fa*, u parti mill-familja tal-flikorni.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01 | Piccolo in *Lab* | 20 | I$^{ma.}$ Tromba in *Mib* |
| 02 | Flauto in *Do* | 21 | 2$^{da.}$ Tromba in *Mib* |
| 03 | 2$^{do.}$ Flauto in *Do* | 22 | Tromba Bassa *Sib* |
| 04 | Oboe in *Do* | 23 | I$^{mo.}$ Trombone Tenore |
| 05 | 1$^{mo.}$ Clarinetto in *Mib* | 24 | 2$^{do.}$ Trombone Tenore |
| 06 | 2$^{do.}$ Quartino in *Mib* | 25 | Trombone Basso in *Fa* |
| 07 | 1$^{mo.}$ Clarino | 26 | Flicorno Sopranino *Mib* |
| 08 | 2$^{do.}$ Clarino 'A' | 27 | I$^{mo.}$ Flicorno Soprano *Sib* |
| 09 | I$^{mo.}$ Alto Clarino | 28 | 2$^{do.}$ Flicorno Soprano *Sib* |
| 10 | Basso Clarino | 29 | Flicorno Contralto in *Mib* |
| 11 | Saxofono Soprano | 30 | Flicorno Tenore *Sib* (*Althorn*) |
| 12 | Saxofono Contralto *Mib* | 31 | Flicorno Baritono (Eufonio) |
| 13 | Saxofono Tenore *Sib* | 32 | 1$^{mo.}$ Eufonio |
| 14 | Saxofono Baritono | 33 | 2$^{do.}$ Eufonio |
| 15 | I$^{mo.}$ Corno *Mib* | 34 | Basso in *Mib* |
| 16 | 2$^{do.}$ Corno *Mib* | 35 | Basso in *Sib* |
| 17 | 3$^{zo.}$ Corno *Mib* | 36 | Contrabasso |
| 18 | I$^{ma.}$ Cornetta *Sib* | 37 | Timpani |
| 19 | 2$^{da.}$ Cornetta *Sib* | 38 | Tanburro |
| | | 39 | Cassa e Piatti |

**FORMA**: Ħafna mix-xogħlijiet ta' daqs medju u kbir jieħdu l-forma ternarja, i.e. xogħol mużikali li tista' taqsmu fi tliet taqsimiet imdaqqsin differenti. Ħafna drabi, dawn jingħarfu mhux biss mit-temp u l-kjavi tagħhom imma wkoll mill-kontenut. L-ewwel taqsima tissejjaħ **A** għas-sempliċi raġuni li tiġi l-ewwel waħda mit-tliet taqsimiet. Din it-taqsima hi bħal espożizzjoni peress li tlaqqagħna wiċċ imb' wiċċ ma' tema jew aktar, ewlenija. Min-naħa tagħha, taqsima **B** tista' tiżviluppa l-materjal li nsibu fl-ewwel taqsima jonkella toħroġ b'materjal għal kollox differenti. Aktarx ukoll, ikollha temp kajman u waqtiet fejn strument jew aktar idoqqu xi solo sabiħ. It-tielet taqsima imbagħad, magħrufa wkoll bħala re-espożizzjoni jew rikapitulazzjoni, isimha magħha, tista' tkun, jew (a) **A** (i.e. ripetizzjoni eżatta), jew (b) $\mathbf{A}^1$ (i.e. ripetizzjoni viċin), jew (ċ) **Ċ** (i.e.

toħroġ b'materjal għal kollox ġdid). Kull waħda mit-tliet taqsimiet jista' jkollha wkoll forma għaliha.

It-tabella ta' hawn taħt turi kif inhu mqassam dan ix-xogħol: taqsima **A** tiġbor fiha erba' taqsimiet iżgħar minn A sa D, taqsima **B** tinkludi biss l-ittra E, u taqsima **A**$^{1}$ minn F sa I. Kull waħda minn dawn id-disa' taqsimiet toffri temp, tema, u tonalità, li jistgħu jkunu l-istess jew differenti minn xulxin. Huma biss taqsimiet D u F li huma l-istess eżatt f'kollox. F'dawk li huma temi, erba' differenti b'kollox, irbatt deskrizzjoni adatta ma' kull waħda minnhom skont il-karattru tagħhom. Fejn mhemmx tema tajt deskrizzjoni alternattiva biex nispjega x'ikun qed jiġri f'dik it-taqsima partikolari. F'dik li hi tonalità, l-overtura tiftaħ fid-*Do minuri* u mbagħad tmur għal-*Mib Maġġuri* fl-ewwel taqsima, timmodula lejn is-sotto-dominanti (i.e. *Lab Maġġuri*) fit-taqsima tan-nofs, u terġa' lura u tibqa' fl-istess kjavi ta' *Mib Maġġuri* fit-tielet taqsima.

| Forma | Taqsima | Temp | Deskrizzjoni | Battuti | Ittra | Tonalità |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **A** | A | *Largo* | Introduzzjoni | 001-008<br>009-024 | A u C | *Do minuri* |
| | B | *Allegro* | Tema A (*gregoriana*) | 025-058 | D u E | *Do minuri* |
| | C | *Andante* | Tema B (*cantabile*) | 059-097 | F, (G) u H | *Mib Maġġuri* |
| | D | *Allegro* | Tema Ċ (*marziale*) | 098-110<br>111-149 | I, (J) u K | l-istess |
| **B** | E | *Moderato* | Tema D (*arioso*) | 150-180 | L,M,N u O | *Lab Maġġuri* |
| **A**$^{1}$ | F | *Allegro* | Tema Ċ (*marziale*) | 181-223 | P,R u S | *Mib Maġġuri* |
| | G | *Più Mosso* | Ritornell | 224-233 | - | l-istess |
| | H | *Grandioso* | Tema B (*cantabile*) | 234-240 | T | l-istess |
| | I | *Più Mosso* | Ritornell estiż + Koda | 241-270 | U u V | l-istess |

**ANALIŻI**: Din tinkludi biss deskrizzjoni qasira u ġenerika tax-xogħol li għandna f'idejna mingħajr ma noqgħod nidħol f'wisq dettalji żejda:

**TAQSIMA 'A'**




A *Largo* (b. 001-024): Jiġbor fih introduzzjoni li, ħafna drabi, f'xogħol simili jiftaħ f'temp imkaxkar (fil-każ tagħna, sekonda għal kull semiminima). It-temp[1] li fih titħabbat l-introduzzjoni huwa dak Ordinarju (C = $^{4}/_{4}$) peress li għandek erba' kwarti kull battuta. A (b. 009-013) hija biss ħames battuti twila u tindaqq bil-qawwi ħafna (*fortissimo*) filwaqt li, B (b.014-019) terġa' għall-burdata li l-mużika tkun fetħet biha. C (b. 020-024) hija biss estensjoni tal-passaġġ żgħir li ġie qablu. L-introduzzjoni tagħlaq fuq il-korda tad-dominanti bi tħejjija għat-taqsima li tiġi wara.




B *Allegro* (b. 025-058): Din it-taqsima żżomm l-istess tonalità tal-bidu imma f'temp ħafn' aktar mgħaġġel u b'żewġ minimi kull battuta f'dak li huwa msejjaħ temp *Tagliato* jew *a Cappella*. Dan it-terminu tal-aħħar normalment

[1] Skont Mro. Gejtan Grech, fil-ktieb tiegħu *Grammatika, jew tagħlim mużikali meħud minn diversi awturi kbar tal-mużika*, ifisser il-kelma temp bħala dak is-sinjal li jurina kif għandha titħabbat biċċa mużika jew kif hi mqassma l-battuta.

jirreferi għal mużika miktuba għall-vuċijiet mingħajr akkumpanjament strumentali bħalma nsibu fil-kant gregorjan. Infatti, f'D (b. 025-044) insibu passaġġ f'dan l-istil ta' kant medjevali. It-taqsima l-oħra, E (b. 045-058) mhix għajr il-konklużjoni li biha jagħlaq, b'mod qawwi ħafna (*fortissimo*), l-*Allegro*.




C *Andante* (059-097): Hawnhekk il-burdata tinbidel għall-waħda ferriħija minħabba t-tonalità l-ġdida fil-kjavi maġġuri. F'din il-parti nerġgħu għat-temp Ordinarju li kellna qabel, imma b'pass xi ftit aktar mgħaġġel kif indikat. Dan il-passaġġ pjuttost twil li jgħaqqad l-ittra F (b. 059- 090) ma' H (b. 091-097) (l-ittra G hija maqbuża fil-partitura) għandu minn xi arja, jew aħjar, dwett operistiku fejn il-melodija u l-kuntrakant iwieżnu 'l xulxin bħal f'ċaqlembuta. F'nofs l-ittra F ukoll, niltaqgħu ma' passaġġ għal żewġ strumenti solo li jagħmluha ta' Tenuri. Min-naħa tagħha, H mhix għajr il-koda li biha jagħlaq dan il-passaġġ ħelu.




D *Allegro* (098-149): Għalkemm f'dan il-passaġġ it-tonalità tibqa' l-istess mhux l-istess jista' jingħad għat-temp li issa jsir wieħed Binarju ta' żewġ semiminimi kull battuta tant li jista' jitħabbat f'temp ta' marċ. L-atmosfera hija waħda ferriħija u fuq tagħha. Il-passaġġ fil-fatt hu maqsum f-żewġ partijiet tista' tgħid daqsinsew, i.e. Introduzzjoni (b. 098-110) + I (b. 111-128) = 32-il battuta, u K (129-141) + Koda (b. 142-149) = 29-il battuta. Fl-ewwel parti tiegħu nsibu passaġġ li jirrepeti l-istess materjal filwaqt li, f'nofs it-tieni parti nsibu replika ta' tmien battuti wkoll. Il-koda tal-aħħar iġġib l-ewwel taqsima (A) fi tmiemha bħalma nsibu f'tarf xi att minn tal-opra.

**TAQSIMA 'B'**




E *Moderato* (b. 150-180): Dan il-passaġġ tan-nofs jerġa' jinqasam fi tliet taqsimiet li jagħmlu minnu forma ternarja miż-żgħar: a (b. 150-165) + b (b. 166-173) + a1 (b. 174-180). Taqsima 'a' tinkludi melodija kemm kemm tinstema' (*pianissimo*) ta' tmien battuti replikati fuq ir-ram filwaqt li, għal kuntrarju, 'b', immarkata *fortissimo* (i.e. bil-qawwi ħafna), iġġib 'il kulħadd idoqq fl-assjem għal dak li jista' jissejjaħ il-qofol ta' dan il-passaġġ. It-taqsima l-oħra '$a^1$' mhix għajr repetizzjoni tat-tmien battuti li kellna f'parti 'a', biex b'hekk, din it-taqsima ċentrali tmur u tagħlaq fuq nota kwieta u b'kuruna twila f'tarfha. L-ittri fil-partitura minn L sa O jindikaw bejn wieħed u ieħor it-taqsimiet li semmejna, i.e. a = L + M, b = N, u $a^1$ = O. Ħaġ' oħra li xtaqt insemmi hi li, għalkemm dan il-passaġġ jitħabbat f'temp Ordinarju ta' erba' semiminima kull battuta, jagħtina x'nifhmu li wieħed kompost minħabba l-użu abbundanti tat-terzini tal-kromi.

**TAQSIMA '$A^1$'**

F *Allegro* (b. 181-223): Din it-taqsima għandha minn rikapitulazzjoni ta' xi forma Sonata minħabba l-fatt li, P (b. 182-193) = Introduzzjoni (b. 098-110) + I, R (għax l-ittra Q hija maqbuża) = (b. 194-205), filwaqt li S (b. 206-223) = K imma mingħajr il-koda tal-aħħar. It-tonalità wkoll terġa' għalli kienet fl-*Allegro* ta' parti D (b. 099-128) – *Mib Maġġuri*.




G *Più Mosso* (b. 224-230/1[232/3]): Jikkonsisti f'passaġġ qsajjar replikat li jkompli fl-istess vena ta' dak li għadu kif ġie qablu, bid-differenza żgħira li, it-temp hawnhekk huwa xi ftit aktar imċaqlaq mill-*Allegro* li bih fetħet Taqsima 'A[1]'.

H *Grandioso* (b. 234-240): Dan ukoll jikkonsisti f'passaġġ żgħir, immarkat bl-ittra T. It-temp jerġa' jeqleb għal wieħed Ordinarju jew, kif ġieli nsibuh ukoll, Komuni. Il-kompożitur hawn jislet sentenza qasira mill-*Andante* ta' parti C u jtiha libsa bil-wisq grandjuża qabel ma l-mużika tmur għall-aħħar parti li ġġib ix-xogħol fi tmiem mill-aktar xintillanti.



G *Più Mosso* (b. 241-270): Din id-disa' u l-aħħar parti tikkomprendi l-ittri U (b. 242-259) u V (260-270). Fil-każ tal-ewwel ittra, għandna l-istess sitwazzjoni bħal fil-*Più Mosso* ta' parti G, imma bit-tieni volta tkun ferm itwal u magħmula minn żewġ gruppi kadenzjali ifawru bl-iskejjel dejjem tielgħin tas-semikromi. Dan iwassal għall-aħħar parti tal-overtura fejn wieħed jimmaġina li t-temp irid iżid fil-ġirja f'tentattiv sfrenat biex ix-xogħol jagħlaq fuq nota kemm jista' jkun ġubilanti. (Fl-istampa tal-ġenb tidher paġna 36 tal-manuskritt tal-overtura *Un Saluto a Malta* għal banda sinfonika. Fiha jidhru biss l-aħħar tliet battui tal-għeluq.)

Nagħlaq billi ngħid li, is-*sinfonia Un Saluto a Malta* ta' Mro. Willie Attard dan l-aħħar indaqqet mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun waqt kunċert vokali u strumentali li sar nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Gejtanu. Il-Banda Ġużeppina Ħamruniża kienet taħt id-direzzjoni tiegħi.

GLOSSARJU:

***Allegro***: isem ta' temp mużikali li jitħabbat ftit ħaj u hu bejn il-*presto* u l-*andante*.
***Andante***: isem ta' temp mużikali li jitħabbat bil-ħlewwa u jaqa' bejn l-*adagio* u l-*allegro*.
**Ballett**: Storja li tinżifen fuq palk bid-daqq tal-orkestra. Dawk tal-kompożitur Russu Pyotr Ilyich Tchaikowsky huma fost l-aktar magħrufin fost iż-żeffiena u l-udjenza li tħobb dan it-tip ta' spettaklu.
**Battuta**: Diviżjoni ta' biċċa mużika f'biċċiet qsar tal-istess valur jew għaqda ta' noti jew pawsi li jitqassmu fi kwantità egwali ta' valur. Battuta tinfired minn oħra permezz ta' stangetta (*barline*).
**Cantata**: Ara Kantata.
**Kantata**: Xogħol mużikali b'tema aktarx reliġjuża, għal vuċijiet b'akkumpanjament strumentali.
**Kjavi**: Terminu li jirreferi għall-iskla partikolari li fuqha tkun mibnija biċċa mużika.

**Koda**: Battuti fi tmiem biċċa mużika jew passaġġ li jġib ix-xogħol fi tmiemu.
**Korda**: Grupp ta' noti mużikali ħafna drabi ta' tlieta li jindaqqu flimkien.
**Kuruna**: Ara pawsa.
***Largo***: Temp li jintuża għal xi biċċa xogħol bil-lajma.
***Moderato***: Temp li la jimxi bil-mod u lanqas jiġri fejn kull semiminima dduq daqs tliet kwarti ta' sekonda.
**Mużika programmatika**: Xogħol ta' dan it-tip hu li jirrakkonta storja permezz tal-mużika, jew li hu b'xi mod jew ieħor deskrittiv u għaldaqstant iqanqal xeni jew waqtiet pittoreski fil-moħħ ta' dak li jkun. Jista' wkoll jiddeskrivi ideat letterarji peress li kien f'dan il-perjodu li bdew iseħħu rabtiet aktar mill-qrib bejn il-mużika u dixxiplini oħra fosthom, il-pittura u l-letteratura.
**Opra**: Tip ta' dramm ta' natura serja jew komika li fih il-karattri jkantaw il-partijiet tagħhom għall-akkumpanjament ta' orkestra u li l-biċċa l-kbira minnu hu mmużikat.
**Oratorju**: Test aktarx b'tema reliġjuża mmużikat għal solisti, kor, u orkestra li normalment jindaqq fi knisja jew f'sala tal-kunċerti. L-ewwel oratorju ġie esegwit proprju fl-oratorju ta' San Filippu Neri f'Ruma, minfejn ħa ismu. Il-*Messiah* ta' Handel huwa forsi l-aktar wieħed magħruf. Aktarx li, l-ewwel oratorju bil-Malti nkiteb minn Charles Mario Camilleri fuq versi ta' Oliver Friggieri.
**Partitura** (jew, spartit): Bl-Ingliż insejħulu *score*. Ktieb miktub (manuskritt) jew mitbugħ tal-partijiet kollha strumentali miġburin f'daqqa. Jeżistu tipi differenti tagħhom li jistgħu jkunu fil-verżjoni għall-orkestra sħiħa (*full score*) jew f'forma ridotta tagħha (*short score*).
**Pawsa**: Tikkonsisti f'sinjal nofs tond mimdud b'tikka fin-nofs li jitqiegħed fuq in-nota (jew aspett) u jservi biex biha żżomm il-valur tagħha kemm jidhirlek.
**Pentagramma**: Jew vers ta' ħames rigi li fuqhom tista' tikteb il-mużika.
**Replika**: Sinjali li jservi biex tirreplika n-noti kollha jew il-battuti li jkunu magħluqin bejniethom.
**Ritornell**: Passaġġ mużikali li jirrepete ruħu f'partijiet differenti tal-istess biċċa xogħol.
**Sonata**: Kelma li ġejja minn *suonare,* verb li bit-Taljan ifisser (huwa) *daqq*. Hija tip ta' mużika maħsuba għalbiex tindaqq u mhux biex titkanta (*cantata*). Illum-il ġurnata nirreferi għal din il-kelma bħala li tfisser forma mużikali kbira li tħaddan erba' movement kuntrastanti u f'temp differenti l-wieħed mill-ieħor.
**Strumentazzjoni**: Terminu mużikali użat biex ifisser is-sengħa, l-istudju, u t-tagħlim tal-partijiet strumentali miktubin individwalment u kif dawn ser jindaqqu u/jew jinstemgħu fl-orkestra.
***Temp***: Juri kif għandu jitħabbat xogħol mużikali f'dak li hu ġiri. Dan ikun indikat fil-bidu tal-mużika jew ta' kull taqsima fejn meħtieġ speċjalment meta l-mużika teqleb minn temp għal ieħor.